**289. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Illi l-Kamra wara li bir-Riżoluzzjoni tagħha ddeċiedet fis-Seduta tal-10 ta' Frar, 1986 illi l-artikolu bit-titolu "Mix-Xena tax-Xandir" li deher f'paġna 4 ta' "MHUX fl-Interess tal-Poplu" tat-3 ta' Jannar, 1986, jitqies bħala ksur ta' privileġġ skont l-artiklu ii(1) (K) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati;

Il-Kamra tordna lil Carmel Demicoli ta' Flat 1, Ferrini Court, University Street, Msida bħala editur tal-gazzetta "MHUX fl-Interess tal-Poplu" biex jidher quddiemha fis-Seduta tas-17 ta' Marzu, 1986, fis-6.30 p.m. biex igħid għaliex m'għandux ikun dikjarat ħati ta' ksur ta' privileġġ skont l-artikolu 11 (1) (K) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati; u

Il-Kamra tordna wkoll li jiġi mħarrek kull xhud li l-Iskrivan tal-Kamra jkun mitlub li jħarrek.

28.02.1986